MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 488/2013

**Charles Grech & Company Limited (C2473)**

***kontra***

1. **Firm Camilleri Bros. (Marketing) Company Limited (C40670)**

2. **Michael Camilleri (ID444636M)**

3. **Mark Anthony Camilleri (ID70876M)**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-24 ta` Mejju 2013 li jaqra hekk :-

*Illi b`sentenza ta` din l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet Charles Grech & Company Limited vs Mark Anthony Camilleri f`ismu proprio u ghan-nom in rapprezentanza tal-kumpannija Firm Camilleri Bros. (Marketing) Company Limited tad-29 ta` Frar 2012, liema sentenza ghaddiet in gudikat, ir-rikorrenti Charles Grech & Company Limited giet kanonizzata kreditrici tal-kumpannija intimata u ta` Mark Camilleri personalment fis-somma ta` €31,964.94 (wiehed u tletin elf disa` mija u erbgha u sittin elf Euro u erbgha u disghin centezmu), oltre imghaxijiet u spejjez.*

*Illi fil-15 ta` Lulju 2011 il-kumpannija rikorrenti ntavolat Mandat ta` Sekwestru bin-numru 970/11 ghall-ammont pretiz liema mandat huwa meqjus bhala wiehed ezekuttiv stante li l-kumpannija rikorrenti ntavolat nota ai termini tal-artikolu 838B(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Illi izda sa llum din is-somma baqghet ma thallsitx, minkejja diversi nterpellazzjonijiet.*

*Illi ghaddew aktar minn erbgha u ghoxrin (24) gimgha mill-prezentata tal-Mandat ta` Sekwestru Numru 970/11 u inoltre ghaddew aktar minn erbgha u ghoxrin (24) gimgha mid-data meta l-Mandat ta` Sekwestru Numru 970/11 gie rez mandat ezekuttiv ai termini tal-artikolu 838B(2) tal-Kapitolu 12, u d-dejn tal-kumpannija intimata ghadu dovut fl-intier tieghu.*

*Illi ghalhekk il-kumpannija intimata ma tistax thallas id-djun taghha fis-sens tal-artikolu 214(5)(a) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta) u hemm lok li l-kumpannija xxolji u tigi stralcjata gudizzjarjament kif irid l-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap. 386.*

*Illi minn ricerki li ghamlet il-kumpannija rikorrenti fis-sit tal-MFSA qabel intavolat dan ir-rikors irrizultalha wkoll illi :*

*(a) Il-kumpannija intimata ghandha biss authorised u issued share capital ta` Lm5,000, illum ekwivalenti ghal €11,647, konsistenti f`hamest elef share, li minnhom 80% biss huwa paid up ;*

*(b) Il-kumpannija intimata ma pprezentat ebda financial stantement mar-Registratur tal-Kumpanniji liema nuqqas ta` sottomissjoni ta` accounts jikser id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 183 tal-Kap 386 oltre li johloq ukoll pregudizzju serju ghal kredituri u terzi li kienu jinnegozzjaw mal-kumpannija intimata li minhabba dan in-nuqqas mhumiex f`pozizzjoni illi jivverifikaw il-qaghda finanzjarja tal-kumpannija intimata ;*

*(c) Jirrizulta wkoll illi d-diretturi tal-kumpannija huma Michael Camilleri (ID444636M) u Mark Anthony Camilleri (ID70876M) u kif ukoll illi l-"legal and judicial representation" tal-kumpannija intimata hija vestita konguntivament fiz-zewg diretturi msemmija.*

*Illi fid-dawl ta` dawn il-fatti l-kumpannija attrici tissottometti illi hemm lok illi l-kumpannija ntimata xxolji u tigi stralcjata wkoll ai termini tal-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap. 386 [“ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija”].*

*Illi inoltre, ghall-istess ragunijiet, il-kumpannija attrici bir-rispett tissottometti illi mhux biss li l-kumpannija Firm Camilleri (Bros) Marketing Company Limited hija nsolventi imma wkoll illi fit-tmexxija taghha, id-diretturi tal-kumpannija Michael Camilleri (ID444636M) u Mark Anthony Camilleri (ID70876M) wettqu kummerc bi frodi u / jew zbaljat fis-sens tal-Artikli 315 u / jew 316 tal-Att dwar il-Kumpannija (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta) u ghalhekk hemm lok illi jinstabu personalment responsabbli ghad-djun tal-kumpannija.*

*Ghaldaqstant jghidu l-intimati ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, joghgobha :*

*1. Tordna x-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija intimata Firm Camilleri (Bros) Marketing Company Limited u dan ai termini tal-Artikoli 214(2)(a)(ii), 214(2)(b)(iii) u 218 tal-Att dwar il-Kumpannija (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-diretturi tal-kumpannija intimata Michael Camilleri (ID444636M) u Mark Anthony Camilleri (ID70876M) wettqu kummerc bi frodi u / jew zbaljat fis-sens tal-Artikli 315 u / jew 316 tal-Att dwar il-Kumpannija (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta) u konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi d-diretturi tal-kumpannija intimata Michael Camilleri (ID444636M) u Mark Anthony Camilleri (ID70876M) huma personalment responsabbli ghad-djun u l-obbligi tal-kumpannija intimata ai termini tal-Artikolu 315 u 316 tal-Kap. 386.*

*Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni u b`riserva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-kumpannija rikorrenti kemm fil-konfront tal-intimati kif ukoll fil-konfront ta` terzi.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kumpannija attrici u l-lista tax-xhieda ndikati minnha.

Rat ir-<u>risposta guramentata</u> prezentata fis-<u>26 ta` Gunju 2013</u> li taqra hekk :–

*1. Illi in linea preliminari s-socjeta` attirci uzat il-procedura mhux korretta stante li ma kienx hemm il-htiega li jigi ntavola rikors guramentat u ghalhekk l-eccipjent jipprotesta ruhu ghal kwalsiasi spejjez addizzjonali li huwa jista` jsofri minhabba f`dan.*

*2. Illi in linea preliminari wkoll it-talba tas-socjeta` attrici nkwantu tikkoncerna decizjoni u dikjarazzjoni li sar kummerc bi frodi fis-sens tal-Artikolu 315 tal-Kap. 386 hija wahda ntempestiva stante li tali talba tista` ssir biss waqt il-process ta` stralc u cioe` meta kumpannija tkun giet xjolta jew volontarjament jew inkella b`ordni tal-Qorti, u fil-fatt sal-lum il-kumpannija konvenuta ghadha ma gietx xolta.*

*3. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-tieni talba nkwantu tikkoncerna decizjoni u dikjarazzjoni li sar kummerc zbaljat ai termini tal-Artikolu 316 tal-Kap. 386 hija wahda ntempestiva ghaliex il-kumpannija konvenuta ghadha ma gietx xjolta.*

*4. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-tieni talba nkwantu tikkoncerna decizjoni u dikjarazzjoni li sar kummerc zbaljat ai termini tal-Artikolu 316 tal-Kap. 386 hija wkoll insostenibbli u ghandha tigi michuda ghaliex tali talba ai termini tal-Artikolu 316(2) tista` ssir biss mill-istralcjarju u kwindi s-socjeta` attrici ma tistax tressaq tali talba.*

*5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li ma jissussistux l-elementi sabiex jigi ordnat l-istralc tal-kumpannija konvenuta.*

*6. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-mertu wkoll, l-eccipjenti ma wettaqx kummerc zbaljat fis-sens tal-Artikolu 316 tal-Kap. 386 u ghalhekk tali talba ghandha fi kwalsijasi kaz tigi michuda.*

*7. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-mertu wkoll, l-eccipjenti ma wettaqx kummerc zbaljat fis-sens tal-Artikolu 316 tal-Kap. 386 u ghalhekk tali talba ghandha fi kwalsijasi kaz tigi michuda.*

*8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda ndikati minnhom.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat is-socjeta` attrici fit-18 ta` Ottubru 2013.

Semghet ix-xiehda ta` Dr Amanda Poole bhala rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpanniji u tal-intimat Mark Anthony Camilleri fl-udjenza tal-24 ta` Ottubru 2013 u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Paul Camilleri u ta` Dr Elizabeth Quintano bhala rapprezentant tar-Registratur tal-Qrati Kriminali fl-udjenza tat-13 ta` Jannar 2014 u rat id-dokument li kien prezentat fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-13 ta` Jannar 2014 fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti biex jigu allegati l-atti ta` zewg kawzi : "*La Suissa Srl vs Firm Camilleri Bros (Marketing) Company Limited*" (Rik Gur Nru 580/12 SM) deciza fit-3 ta` Ottubru 2013 ; u "*Lighthouse Communications Ltd vs Firm Camilleri Bros (Marketing) Limited*" (Avv. Nru. 189/11 MS) deciza fl-10 ta` Mejju 2012.

Semghet ix-xiehda ta` Stephen Ellul fl-udjenza tat-3 ta` Marzu 2014.

Semghet ix-xiehda ta` Paul Camilleri fl-udjenzi tat-22 ta` Mejju 2014 u tal-15 ta` Lulju 2014 u rat id-dokument li kien prezentat fl-ahhar udjenza.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta` Novembru 2014.

Rat id-digriet moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluzi l-processi taz-zewg kawzi li kienu allegati ma` dan tal-lum wara d-digriet tat-13 ta` Jannar 2014.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>L-eccezzjonijiet</u>**

Il-konvenuti <u>flimkien</u> ressqu seba` eccezzjonijiet :-

L-ewwel (1) eccezzjoni hija ta` natura procedurali.

It-tieni (2) eccezzjoni qeghda tilqa` ghat-tieni (2) domanda tar-rikorrenti fejn din tirrigwarda l-applikazzjoni tal-Art 315 tal-Kap 386.

It-tielet (3), ir-raba` (4), is-sitt (6) u s-seba` (7) talbiet jilqghu wkoll ghat-tieni (2) talba tar-rikorrenti fejn din tirrigwarda l-applikazzjoni tal-Art 316 tal-Kap 386.

Bil-hames (5) eccezzjoni, l-intimati qeghdin jikkontestaw l-ewwel (1) talba fil-mertu.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>**

Huwa evidenti illi bl-ewwel eccezzjoni, l-intimati mhux qed jeccepixxu n-nullita` tal-azzjoni tar-rikorrenti izda qeghdin jillimitaw ruhhom li jissollevaw kwistjoni ta` spejjez gudizzjarji.

It-talba ghax-xoljiment u stralc ta` kumpannija mill-Qorti hija regolata bl-**<u>Art 218 tal-Kap 386.</u>** Fis-subartikolu 1, jinghad illi l-procediment jigi inizjat permezz ta` rikors. Il-ligi ma tirreferix ghal rikors guramentat izda ghal rikors semplici. Wara li gie fis-sehh l-Att XXII tal-2005, ir-"rikors guramentat" ha fil-Kap 12 il-post li kellha c-"citazzjoni". Ghalhekk "rikors guramentat" mhuwiex l-istess att bhal "rikors". Il-Qorti tghid illi anke li kieku nghatat l-eccezzjoni tan-nullita` (li mhuwiex il-kaz) il-fatt li biex tipprocedi, ir-rikorrenti ghazlet li tmur

ghar-rikors guramentat minflok ghar-rikors ma jgibx in-nullita` tal-procediment anke meta wiehed iqis dak li jghid l-**Art 789 tal-Kap 12**. Fl-istess waqt, anke sabiex tkun assikurata l-uniformita` tal-procedura f`kawzi ta` din ix-xorta, il-Qorti kienet tistenna mir-rikorrenti li tikkonforma ruhha ma` dak previst mill-**Art 218(1) tal-Kap 386** li kjarament jirreferi ghal semplici rikors u ghal ebda att iehor. Dan premess, jekk il-premura tal-intimati kienet l-ispejjez, allura l-Qorti tghid mill-ewwel illi t-tassazzjoni tad-dritt li ssir mir-Registratur tal-Qorti ma tiddependix mill-fatt jekk l-azzjoni kenitx inizjata b`rikors guramentat inkella b`rikors semplici. Il-punt krucjali huwa n-natura tal-azzjoni ghaliex ladarba t-talba ewlenija kienet ghax-xoljiment u stralc ta` kumpannija, it-tassazzjoni kienet konformi ma` dik it-talba, indipendentement minn jekk il-procediment kienx inizjat b`rikors guramentat inkella b`rikors semplici.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati.**

**Ikkunsidrat :**

**IV. L-ewwel talba**

Il-kumpannija rikorrenti (“Charles Grech”) qeghda titlob ix-xoljiment u l-istralc ta` l-kumpannija ntimata (“Camilleri Bros”) abbazi :

**(a)** tal-**Art 214(2)(a)(ii)** u l-**Art 214(5)(a) tal-Kap 386** ; u

**(b)** tal-**Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386.**

L-intimati kkontestaw il-mertu ta` din it-talba bil-hames (5) eccezzjoni taghhom.

Billi Charles Grech hija *kreditur* ta` Camilleri Bros ghandha *locus standi* biex tippromwovi l-azzjoni skond l-**Art 218(1)(b) u (c) tal-Kap 386**.

**(a) L-Art 214(2)(a)(ii) tal-Kap 386 u l-Art 214(5)(a) tal-Kap 386**

**(1) Dritt**

Fil-paragrafu **(a)** tas-subartiklu **(2)** tal-**Art.214**, il-ligi tghid liema huma c-cirkostanzi fejn il-Qorti **tista`** xxolji kumpannija u tordna l-istralc taghha, fosthom *jekk il-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha* skond is-subparagrafu **(ii).**

L-**Art 214(2)(a)(ii)** irid jinqara flimkien ma` l-**Art 214(5)** li jistabilixxi meta kumpannija skond il-ligi taghna ghandha titqies li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha.

**Tnejn** huma c-cirkostanzi definiti mil-ligi –

*(a) jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa' ma thallasx ghal kollox jew f`parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b`xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artikolu 273 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ; jew*

*(b) jekk ikun ippruvat ghas-sodisfazzjon tal-qorti li l-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha, meta din tqis ukoll il-passiv kontingenti u prospettiv tal-kumpannija.*

**Ir-rikorrenti qeghda tibbaza ruhha fuq il-paragrafu (a).**

Il-Qorti tirrileva illi meta tfassal il-mudell ghal-ligi taghna l-gdida dwar il-kumpanniji, il-qafas maghzul kien dak tal-Companies Act Ingliza 1985. Fil-ligi Ingliza, ix-xoljiment u l-istralc ta` kumpanniji kien trattat f`legislazzjoni *ad hoc* u cioe` l-Insolvency Act 1986. Meta fl-1995 saret il-ligi taghna l-gdida dwar il-kumpanniji (Kap 386) li hadet post il-Commercial Partnerships Ordinance 1962 (Kap 168), id-disposizzjonijiet li jolqtu x-xoljiment u l-istralc kienu integrati fl-Att tal-1995.

Fil-ligi taghna, li *kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha* ghandu **sinjifikat preciz u definit** mil-ligi stess fl-Art 214(5). Fil-ligi Ingliza, il-posizzjoni hija aktar wiesgha. Il-koncett ta` insolvenza fil-ligi taghna huwa aktar ristrett minn dak tal-ligi Ingliza ghalkemm hemm *overlaps.*

Fit-Tmien Edizzjoni (2012) ta` l-ktieb **Boyle & Birds` Company Law** (pubblikat minn Jordans) pg 859 jinghad hekk –

*There are two principal, although not exclusive or exhaustive, tests of insolvency : a company is insolvent if it unable to pay its debts as they fall due ("cash flow insolvency") ; it is also insolvent if its liabilities exceed its assets ("balance sheet insolvency") ...*

Fil-ligi taghna dak previst mill-Art 214(5)(a) jixbah il-koncett ta` *cash flow insolvency* fil-ligi Ngliza.

Fil-kaz ta` *cash flow insolvency* din il-Qorti tghid illi filwaqt fil-ligi taghna huwa specifikat **bil-preciz** x` m`ghandhiex taghmel kumpannija debitrici sabiex ma tkunx meqjusa li ma tistax thallas id-djun taghha, fil-ligi Ngliza il-kriterju huwa aktar generiku ghax ikun hemm dik it-tip ta` insolvenza *if it unable to pay its debts as they fall due.*

Fil-**Boyle & Birds` Company Law** (op. cit.) ikompli jinghad hekk –

"*Failure to pay a debt which is due and not disputed amounts to evidence of cash flow insolvency. Thus a company which has a policy of late payment of bills could find itself the subject of a petition for a winding-up order or administration order. Such a petition will not be struck out at an early stage as a form of improper pressure and an abuse of the process of the court, because, as Staughton LJ explained in Taylor`s Industrial Flooring (1990. BBC 44 at 51) creditors, not late payers, are more worthy of insolvency law`s protection.*

*"Many people today seem to think that they are lawfully entited to delay paying their debts when they fall due or beyond the agreed period of credit, if there is one ... This can cause great hardship to honest traders, particularly those engaged in small businesses recently started. Anything which the law can do to discourage such behaviour in my view should be done."*

Fil-ktieb **Insolvency Law – Corporate and Personal** ta` Andrew Keay u Peter Walton (pubblikat minn Pearson Longman – 2003) pg 17 jinghad hekk dwar *cash flow insolvency* kif mifhuma fil-kuntest tal-Insolvency Act 1986 –

*The court, in examining whether a company is suffering cash flow insolvency, will consider whether the company is actually paying its debtors. Courts must take into account what current revenue the company has as well as what the company can procure by realising assets within a relatively short time ... A company can rely upon money which might be obtained from the sale of assets or upon money which might be obtained on the strength of its assets ... It is possible that sometimes a debtor might be able to establish solvency by demostrating that funds can be obtained through an unsecured loan. In considering whether a person or a company is insolvent, the debtor`s whole financial position must be studied ... and a temporary lack of liquidity does not necessarily mean that the company is insolvent ...*

*At one time courts were rather strict on what they required to be established before they were willing to deem a person or a company insolvent, but in more recent times they have become more liberal as far as creditors are concerned and have held that a debtor is insolvent if a creditor is able to prove that he or she has not paid an undisputed debt after a demand has been made ... and this is the case even if there is other evidence which suggests that the value of the assets outweighs liabilities ...*

*Whether a company is cash flow insolvent is principally a question of fact and one which may be established in any number of ways, such as the existence of a large number of outstanding debts and unsatisfied judgments ... or there is lack of assets on which execution can be levied ...*

*It has been said that a debtor is not regarded as solvent just because if sufficient time were granted the debts could be paid off ...*

**(2) <u>Risultanzi</u>**

Permezz ta` sentenza ta` din il-Qorti tad-**<u>29 ta` Frar 2012</u>** (fol 20 u 21) fil-kawza fl-ismijiet *Charles Grech & Company Limited (C2473) vs Mark Anthony Camilleri f`ismu propju u ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija Firm*

*Camilleri Bros (Marketing) Company Limited (C40670)* l-intimati kienu kkundannati jhallsu lil Charles Grech is-somma ta` €31,964.94 bl-imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur, bl-ispejjez jithallsu mill-intimati.

Fil-**15 ta` Lulju 2011**, Charles Grech ipprezentat rikors kontra l-intimati Mark Anthony Camilleri f`ismu propju u ghan-nom u in rapprezentanza ta` Camilleri Bros ghall-hrug ta` Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju **Nru 970/2011** ghal sorte ta` €31,964.94. Il-Qorti akkordat it-talba ghall-hrug tal-Mandat dakinhar stess (ara fol 22 sa fol 32). Fil-**15 ta` Lulju 2011**, il-Mandat kien notifikat lis-sekwestrarji kollha indikati fir-rikors. Ma jirrizultax li l-intimati kienu notifikati.

Fir-rikors promotur, Charles Grech tghid illi dan il-Mandat li kien Kawtelatorju sar Ezekuttiv ghaliex hija ntavolat nota skond l-Art 838B(2) tal-Kap 12.

Dwar l-operat tal-**Art 838B(12) u (2) tal-Kap 12** il-Qorti tirrileva li l-procedura kienet introdotta bl-Att XII tal-2009. Id-disposizzjoni taqra hekk –

*(1) Sakemm ma jiġix imħassar mill-Qorti jew irtirat mill-parti li toħroġ il-mandat, kull mandat kawtelatorju għandu jibqa' fis-seħħ sa ħmistax-il ġurnata wara li l-kawża tgħaddi f'ġudikat.*

*(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), mandati kawtelatorji maħruġin skont l-artikolu 830(1) isiru eżekuttivi wara li kawża tgħaddi f'ġudikat jew meta, skont l-artikolu 166B, dik l-ittra uffiċjali ssir titolu eżekuttiv b'dan illi :*

*(a) fil-każ ta' mandat maħruġ skont l-artikolu 830(1)(b), (ċ), (d) u (f), il-kreditur għandu jippreżenta nota fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta l-kawża tkun għaddiet f'ġudikat fl-atti tal-istess mandat u jitlob li jestendi jew inaqqas l-*

*effetti tal-mandat għas-somma ekwivalenti għall-ispejjeż legali, l-imghaxijiet u d-differenza fis-sorte skont is-sentenza, liema nota għandha tiġi notifikata lid-debitur, u dawk kollha li għandhom interess ;*

*(b) fil-każ ta' mandat maħruġ skont l-artikolu 830(1)(a) u (e), il-kreditur għandu jippreżenta rikors skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 388E fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta l-kawża tkun għaddiet f'ġudikat.*

Fil-kaz tal-lum, il-Mandat in kwistjoni kien Sekwestru Kawtelatorju. Ghalhekk sabiex Charles Grech tikkonverti l-mandat minn Kawtelatorju ghal Ezekuttiv, kellha thares dak previst mill-**Art 838B(1) u (2)(a)**.

**Il-prova li kienet prezentata din in-nota baqghet ma saritx matul il-kors kollu tal-kawza. Li l-Qorti sabet biss huwa li fuq l-ewwel pagna tal-Mandat 970/2011 (fol 22) hemm notament li jghid hekk : *Ezekuttiv skont digriet 12 (tnax) ta` Gunju 2012* u firma llegibbli. Min ghamel dan in-notament, ma jirrizultax, u ta` min hi l-firma, lanqas ma jirrizulta. Inoltre mhux biss ma kenitx esebita n-nota izda lanqas id-digriet.**

Anke li kieku saret l-ahjar prova li n-nota giet prezentata, dak il-fatt wahdu mhuwiex bizzejjed biex il-Mandat minn Kawtelatorju jsir Ezekuttiv. Ghax il-legislatur segwa procedura differenti minn dik ghall-kisba ta` mandati ezekuttivi skond l-Art.273 et seq tal-Kap 12.

Jirrizulta nfatti li fin-nota, il-kreditur jaghmel **talba** biex jestendi jew inaqqas l-effetti tal-Mandat (Kawtelatorju). Il-procedura mhijiex kompleta bl-ghoti tad-digriet li jakkorda n-nota izda bin-notifika ta` dak id-digriet lil *dawk kollha li ghandhom interess* fil-kaz tal-lum is-sekwestratarji **u**, hawn huwa importanti, bin-**notifika** tad-debitur. Ghal din il-Qorti, in-notifika mhijiex

fakoltattiva izda tassattiva – ara l-uzu tal-kelma *ghandha* fl-Art.838B(2)(a). Li jkompli jfisser illi ghad-differenza tal-procedura skond l-Art.273 et seq tal-Kap 12, fil-kaz tal-procedura skond l-Art.838B, **l-ezekuzzjoni** fil-kaz ta` Mandat ta` Sekwestru ssehh bin-notifika tas-sekwestratarji **u** tad-debitur.

**Il-Qorti ma ghandha l-ebda prova li l-kreditrici ottemperat ruhha ma` dawn id-disposizzjonijiet. Ghalhekk ma ghandha l-ebda prova li minn Kawtelatorju l-Mandat ta` Sekwestru in kwistjoni sar Ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. U ghalhekk il-Qorti ma tistax tqis illi skattaw l-erbgha u ghoxrin (24) gimgha li ghalihom jirreferi l-Art 214(5)(a).**

Kreditur huwa prekluz milli jistitwixxi azzjoni ghax-xoljiment u stralc ta` kumpannija debitrici skond l-Art 214(5)(a) fuq l-iskorta ta` mandat **kawtelatorju**. Infatti d-disposizzjoni titkellem dwar *l-ezekuzzjoni ta' **titolu ezekuttiv** kontra l-kumpannija b'xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artiklu 273 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.* Fil-kaz tal-lum, ma jirrizultax li Charles Grech ittentat tikseb il-hrug ta` wiehed mill-atti esekuttivi li huma elenkati fl-Art 273 tal-Kap 12 bil-procedura prevista fl-Art 274 tal-Kap 12 wara li hadet is-sentenza li ghaliha tirreferi fl-ewwel paragrafu tar-rikors promotur. Hija l-gurisprudenza ta` din il-Qorti illi fejn si tratta ta` atti ezekuttivi ndikati fl-Art 273 tal-Kap 12, il-fattur rilevanti sabiex jiskatta l-perijodu ta` erbgha u ghoxrin (24) gimgha ghall-fini tal-Art 214(5)(a) tal-Kap 386 huwa l-**ezekuzzjoni** tal-mandat. Fil-kaz ta` Mandat ta` Sekwestru, l-ezekuzzjoni tal-mandat issehh bin-notifika tal-att lis-sekwestratarji.

**Fil-kaz tal-lum ma tirrizultax il-prova illi l-kumpannija intimata *ma tistax thallas id-djun taghha* skond l-Art.214(5)(a). Ladarba hekk hu, din il-Qorti ma tistax tghaddi ghax-xoljiment u ghall-istralc tal-kumpannija intimata abbazi tal-Art.214(2)(a)(ii) tal-Kap 386.**

**(b) <u>L-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386</u>**

**(1) <u>Dritt</u>**

Skond din id-disposizzjoni, *kumpannija* ***<u>għandha</u>*** *tkun xolta bil-qorti* meta l-*qorti tkun tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpannija.* (enfasi u sottolinear tal-qorti)

Is-sinjifikat tad-disposizzjoni huwa car. Tithalla diskrezzjoni wiesa` lill-Qorti sabiex tistabilixxi hi jekk fil-fehma taghha jirrizultawx fatti u cirkostanzi "*gravi bizzejjed*" li jwassluha sabiex taghmel id-dikjarazzjoni ta` xoljiment u stralc. Fil-Kap 386 ma hemmx tifsira ta` "*ragunijiet gravi*". Il-Qorti ghalhekk ma ghandha tiskarta xejn. M`ghandhiex tillimita l-esercizzju tad-diskrezzjoni taghha ghal fatti jew cirkostanzi li jkunu sehhew sad-data tal-presentata tar-rikors izda ghandha taghti piz ghal kull ma jigri anke wara sa ma tigi biex taghti d-decizjoni taghha.

Fl-**<u>Art 122 tal-Insolvency Act 1986</u>** tar-Renju Unit, hemm elenku tac-cirkostanzi fejn kumpannija tista` tigi xjolta u stralcjata mill-Qorti. Disposizzjoni identika ghal taghna fl-**<u>Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386</u>** ma hemmx fl-Insolvency Act 1986. Il-wahda li tqarreb l-aktar lejha hija l-**<u>Art 122(1)(g)</u>** li jghid : *the court is of the opinion that it is just and equitable that the company should be wound up.* Huwa evidenti anke mad-daqqa t`ghajn li d-disposizzjoni taghna hija aktar stretta fis-sens illi fil-kaz taghna l-Qorti xxolji u tistralcja meta fil-fehma taghha ikun hemm ragunijiet gravi bizzejjed, waqt li fil-ligi Ingliza, il-kriterju li fuqu l-Qorti trid tibni l-fehma taghha huwa dak tal-gustizzja u l-ekwita`. U l-istrettezza tad-disposizzjoni taghna taghmel hafna sens anke ghaliex jekk il-Qorti tesprimi l-fehma li hemm ragunijiet gravi hija **<u>obbligata</u>** tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija ; hemm m`ghandhiex aktar diskrezzjoni.

Dan premess, il-Qorti tghid li r-riferenza ghall-**<u>Art 122(1)(g)</u>** tal-Insolvency Act 1986 hija utili ghaliex il-linja li hadu l-Qrati Inglizi biex ighidu x`hinu *just and equitable* ghall-fini ta` *winding up* tghin biex tiftah tieqa lill-Qrati taghna ghall-interpretazzjoni ta` x`hinuma *ragunijiet gravi bizzejjed.*

Kull kaz ghandu l-istorja tieghu u ghalhekk il-Qorti trid tibni l-fehma taghha fuq il-fatti u cirkostanzi ta` l-kaz.

**(2) <u>Risultanzi</u>**

Fl-udjenza tal-24 ta` Ottubru 2013, ir-rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpanniji (<u>Av. Amanda Poole</u>) ipprezentat bhala prova l-*memorandum* u l-*articles of association* ta` Camilleri Bros.

Skond dan id-dokument, jirrizulta li l-kumpannija kienet registrata fis-26 ta` Jannar 2007. L-ghan <u>principali</u> li ghalih kienet kostitwita huwa *to act as importers, wholesalers, distributors, retailers, exporters or re-exporters and to act as commission agents in respect of any goods or merchandise.* L-*authorised share capital* huwa ta` *five thousand Maltese Liri (Lm 5000) divided into Five Thousand (5000) Ordinary Shares of One Maltese Lira (Lm 1) each.* L-*issued share capital* huwa l-istess bhall-*authorised share capital* b`dan illi 80% minnu huwa *paid up.* L-ishma huma maqsuma in kwantu ghal 3500 lil Mark Anthony Camilleri u in kwantu ghal 1500 lil Michael Camilleri. Id-diretturi huma l-azzjonisti stess u cioe` Michael Camilleri u Mark Anthony Camilleri.

Fix-xiehda tieghu, <u>Mark Anthony Camilleri</u> xehed illi mis-sentenza li Charles Grech kienet kisbet kontra tieghu u kontra Camilleri Bros ma thallas xejn ; lanqas wara l-mandat. Qal li l-kumpannija kienet waqfet topera f`Jannar 2012. Sostna li kien tqabbad l-accountant Paul Camilleri sabiex ihejji pjan ta` rkupru sabiex il-kumpannija tkompli tahdem. Ix-xewqa tal-kumpannija mhuwiex li xxolji izda li tirkupra. Ikkonferma li kellha problemi ta` *cash flow*. Kif ikunu f`qaghda li joperaw, Charles Grech tithallas dak li huwa dovut lilha. Ippreciza li l-problemi finanzjarji qamu fis-snin 2009-2010 wara li thallas self li kellhom ma` HSBC Bank Malta plc. Ghamel enfasi fuq il-fatt li dment li bhala General Manager ta` Charles Grech kien hemm certu s-Sur Louis, Camilleri Bros kellha *credit facilities* tajbin u kienet tmexxi. Kif pero` s-Sur Louis miet, u kien hemm bidla fit-tmexxija, ma nghatawx aktar *credit*.

Fix-xiehda tieghu, <u>Paul Camilleri</u> stqarr illi saret talba minn Camilleri Bros biex jaghmel l-accounts taghha, biex imbaghad isir l-audit. Huwa talab il-karti li kien jehtieg biex jibda x-xoghol fosthom l-*statements* tal-bank. L-inkartament ha z-zmien biex jasal kollu ghandu. Ghamel li seta` biex jaghmel ordni fil-kontijiet ghalkemm stqarr li l-kontijiet kif kienu fil-prezent ma setghux imorru ghall-audit. Irnexxielu jhejji statements preliminari mhux dettaljati. Fil-fatt ipprezenta lill-Qorti d-draft management accounts ghas-sena li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2013. Kellu jahdem mill-bidu nett ghaliex qatt ma kienu saru accounts wara l-2007. L-istampa tal-kumpannija kif tirrizulta mill-management accounts hija li sal-ahhar tal-2013, Camilleri Bros ma kenitx f`qaghda li thallas id-djun taghha. Kellha *accumulated losses* ta` €50,000 u ma kellhiex assi. Jidher li s-sitwazzjoni kienet ilha prekarja mill-2009. Fis-snin ta` wara ftit hadem sa ma waqfet ghal kollox fl-2011 ; la tbiegh u lanqas tixtri.

Xehdet <u>Av. Elizabeth Quintano</u>, bhala rapprezentant tad-Direttur – Qrati Kriminali li pprezentat kopja tal-atti tal-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Ian J. Abdilla) vs Mark Anthony Camilleri* li kienet deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fis-16 ta` Gunju 2010. Jirrizulta li l-akkuzat f`dak il-procediment kien l-intimat Mark Anthony Camilleri fil-kawza tal-lum. Fost l-akkuzi li kien mixli bihom kien hemm dik ta` korruzzjoni ta` ufficjal pubbliku. L-akkuzat ammetta l-akkuzi kollha li kien mixli bihom. Apparti l-piena, fuq l-intimat kienet imposta l-interdizzjoni generali perpetwa.

Ma kienx hemm appell minn din is-sentenza. L-ordni kienet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-16 ta` Lulju 2010.

Stephen Ellul li huwa l-General Manager ta` Charles Grech xehed fit-tul dwar il-kreditu li r-rikorrenti ghandha kontra Camilleri Bros. Fisser l-opportunitajiet kollha li Mark Anthony Camilleri nghata biex jirregolarizza l-posizzjoni tal-kumpannija izda kien kollu ghalxejn. Ikkonferma li d-dejn favur Charles Grech kien ghadu pendenti.

Kienu prezentati bhala prova l-processi ta` zewg kawzi li huma decizi u ghaddew in gudikat. L-ewwel kawza hija "*La Suissa srl vs Firm Camilleri Bros. (Marketing) Company Limited (C40670)*" (Rik. Gur. Nru. 580/12 SM) deciza fit-3 ta` Ottubru 2013 fejn fuq ammissjoni Camilleri Bros kienet ikkundannat thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` €13,358.24 bl-ispejjez u bl-imghax mid-19 ta` Novembru 2009 sad-data tal-effettiv pagament. It-tieni kawza hija "*Lighthouse Comunications Ltd vs Firm Camilleri Bros. (Marketing) Company Limited (C40670)*" (Avviz Nru 189/11 YMS) deciza fl-10 ta` Mejju 2012 fejn Camilleri Bros kienet kundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` €279.07 bl-imghax u bl-ispejjez.

Mill-assjem tal-provi akkwiziti, l-istampa li tohrog tal-kumpannija intimata mhux biss ma hi felici xejn izda l-qaghda finanzjarja taghha hija gravi.

Il-Qorti tirrileva li sa minn meta kienet kostitwita u registrata mar-Registratur tal-Kumpanniji hija qatt ma ghamlet accounts. Kellu jkun l-accountant Paul Camilleri fil-mori ta` dan il-procediment li ttenta jgib ftit ordni fost dizordni shih. Ghax ma sarux accounts tul dawk is-snin kollha, lanqas sar audit, u ladarba ma sarx audit, ma ntbaghtu l-ebda abridged audited accounts lir-Registratur tal-Kumpanniji. Diga` dan huwa ksur manifest tal-ligi. Li tithassab tassew il-Qorti hija l-imgieba gravement nonkuranti tad-diretturi li

huma wkoll l-azzjonisti li mhux biss kellhom joqghodu mal-obbligi legali taghhom, izda li jittrattaw in-negozju kif suppost u cioe` billi jzommu relazzjonijiet tajbin mal-fornituri taghhom. Minflok ghamlu hekk, ma hallsux id-djun u gabu mitt skuza biex ma jhallsux id-djun taghhom ; hekk almenu huwa evidenti li gara fil-kaz ta` Charles Grech. Gravi huwa l-fatt li Camilleri Bros m`ghandhiex assi. Biex tkompli tgharraq is-sitwazzjoni, irrizulta li Camilleri Bros waqfet topera ghal kollox fl-2011, li jfisser li mhux sejra tiggenera revenue biex thallas id-djun taghha. Billi hija kumpannija zghira, id-djun huma qawwija. Minghajr l-impenn tad-diretturi, id-djun ma jithallsux. Kumpannija li ma taghmilx negozju hija entita` bla ruh. Ma tkunx qeghda taqdi l-ghanijiet taghha. Kumpannija li ma tiggenerax attivita` ekonomika ma jistax ikollha dhul, u minghajr dhul, ma tista` qatt thallas id-dejn taghha. Hija haga fondamentali fid-dritt socjetarju li kumpanniji joperaw b'mod trasparenti u *accountable*. Ghalhekk huwa serju u gravi hafna l-fatt illi minkejja li Mark Anthony Camilleri nghata l-interdizzjoni generali perpetwa fl-2010, baqa` direttur ta` Camilleri Bros qisu ma gara xejn. Fil-fehma ta` din il-Qorti, hemm ragunijiet gravi bizzejjed skond l-Art 214(2)(b(iii) tal-Kap 386 sabiex tordna x-xoljiment u l-istralc taghha. Ghalhekk qeghda tichad il-hames eccezzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>It-tieni talba</u>**

Permezz ta` din it-talba, il-Qorti qeghda tkun mitluba tippronunzja ruhha dwar l-allegata mgieba tal-intimati Michael Camilleri u Mark Anthony Camilleri bi ksur tal-**<u>Art 315 u/jew l-Art 316 tal-Kap 386</u>**.

L-intimati laqghu ghal din it-talba bl-eccezzjonijiet markati tnejn (2) u tlieta (3) fejn kienet eccepita l-intempestivita` tat-talba.

L-eccezzjonijiet l-ohra relatati ma` din it-talba u cioe` dawk markati erbgha (4), sitta (6) u sebgha (7) jinvestu l-mertu.

**<u>L-Art 315(1)</u>** jaqra hekk :-

*(1) **<u>Jekk waqt l-istralċ ta' kumpannija</u>** sew jekk b'ordni tal-qorti jew volontarjament ikun jidher li xi negozju tal-kumpannija jkun tmexxa bil-ħsieb ta' frodi ta' kredituri tal-kumpannija jew ta' kredituri ta' xi persuna oħra jew bil-għan ta' frodi, il-qorti tista' fuq rikors tar-riċevitur uffiċjali, jew tal-istralċjarjun jew ta' xi kreditur jew ta' xi kontributorju tal-kumpannija, jekk jidhrilha xieraq li tagħmel hekk, tiddikjara li xi persuni li xjentement kienu partijiet fit-tmexxija tan-negozju bil-mod qabel imsemmi tkun responsabbli personalment, mingħajr ebda limitazzjoni ta' responsabbiltà għal kull jew għal xi dejn jew responsabbiltajiet oħra tal-kumpannija kif il-qorti tista' tordna.* (enfasi u sottolinear tal-qorti)

**<u>L-Art 316(1) u (2)</u>** jaqra hekk :-

*(1) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw **<u>meta kumpannija tkun ġiet xolta u tkun insolventi</u>** u jkun jidher li persuna li kienet direttur tal-kumpannija kienet taf, jew kellha tkun taf qabel ix-xoljiment tal-kumpannija, li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpannija setgħat tevita x-xoljiment minħabba l-insolvenza tagħha.*

*(2) Il-qorti, **<u>fuq ir-rikors tal-istralċjarju</u>** ta' kumpannija li għaliha japplika dan l-artikolu, tista' tiddikjara li persuna li kienet direttur kif imsemmi fis-subartikolu (1) tkun responsabbli li tagħmel pagament favur l-attiv tal-kumpannija kif il-qorti jidhrilha xieraq.* (enfasi u sottolinear tal-qorti).

**In vista tal-eccezzjonijiet tnejn u tlieta, il-Qorti esaminat id-dottrina nkluz *Principles of Maltese Company Law* – Andrew Muscat – Malta University Press – 2007 ; *Principles of Corporate Insolvency Law* – Roy Goode - Fourth Edition – Sweet & Maxwell – 2011 ; u *Insolvency Law – Corporate and Personal* - Andrew Keay and Peter Walton – 2003 – Pearson Longman.**

Din il-Qorti tghid illi t-test tal-ligi huwa car u inekwivoku. It-tieni talba hija fil-fatt intempestiva ghaliex ma tistax tingieb quddiem il-qorti biex tippronunzja ruhha dwarha fi procediment bhal ma huwa dak tal-lum. Infatti huwa biss fil-provvediment li sejra taghti llum illi l-Qorti sejra tiddikjara jekk il-kumpannija intimata ghandhiex tigi xjolta u stralcjata inkella le. Mela certament fid-data tal-presentata tar-rikors promotur, ma kienx ghad hemm pronunzjament dwar xoljiment u stralc.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa` t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet. Ghax hu hekk, mhijiex sejra tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet markati erbgha, sitta u sebgha.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti tipprovdi dwar it-talbiet tal-kumpannija rikorrenti u dwar l-eccezzjonijiet tal-intimati billi :-**

**1) Tichad l-ewwel u l-hames eccezzjonijiet tal-intimati.**

**2) Tilqa` t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-intimati.**

**3) Tastjeni milli tiehi konjizzjoni ulterjuri tar-raba`, tas-sitt u tas-seba` eccezzjonijiet tal-intimati.**

**4) Riferibbilment ghall-ewwel talba, tiddikjara li fir-rigward tal-kumpannija Firm Camilleri Bros. (Marketing) Company Limited (C40670) jirrizultaw ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi r-rekwiziti tal-Art 218 u tal-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, ghalkemm mhux tal-Art 214(2)(a)(ii) u tal-Art 214(5)(a) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**5) Riferibbilment ukoll ghall-ewwel talba, tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija Firm Camilleri Bros. (Marketing) Company Limited (C40670) b`effett mil-lum kif ighid l-ewwel proviso tal-Art 223(1) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**6) Tichad it-tieni talba.**

**7) Riferibbilment ghat-tielet talba, tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kollha skond l-Art 228 et seq tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta. Bla hsara ghall-generalita` ta` dawn is-setghat u dmirijiet –**

**a) wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija intimata, kif irid l-Art 226 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, jaghmel rapport lill-Qorti, kif irid l-Art 227 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**b) jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija intimata, u dwar il-gradwazzjoni tad-djun.**

**c) jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi tal-kumpannija intimata, kif ighid u jrid l-Art 237 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**d) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija intimata.**

**e) jipprezenta r-rapport mhux aktar tard minn tliet (3) xhur mil-lum.**

**8) Dwar il-kap ta` l-ispejjez, il-Qorti tipprovdi hekk :-**

**a) Tordna lill-kumpannija rikorrenti sabiex thallas l-ispejjez relatati mat-tieni talba.**

**b) Tordna li l-bqija tal-ispejjez tal-provvediment tal-lum, u l-ispejjez kollha tal-istralc, inkluzi d-drittijiet u l-ispejjez tar-Ricevitur Ufficjali fil-vesti tieghu ta` stralcjarju, jithallsu mill-intimati *in solidum* bejniethom, u dan bl-applikazzjoni tal-Art. 236(2) tal-Kap 386.**

**Thalli l-istralc ghall-udjenza ta` nhar it-Tlieta 17 ta` Marzu 2015 fid-9.00 a.m.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------